# RAPPORT AMMINISTRATTIV 2012

*<u>Ħidma tal-Kunsill</u>*

*Infakkar li l-laqgħa tal-lejla qiegħda ssir skont kif jipprovdi l-Att XV ta' l-1993 art 70 li jobbliga l-Kunsill Lokali sabiex isejjaħ laqgħa annwali għall-pubbliku. L-għan tal-laqgħa huwa primarjament biex il-pubbliku jingħata rendikont tal-ħidma li tkun saret mill-Kunsill, matul is-sena u biex l-istess pubbliku jingħata ċans iressaq ilmenti u proposti għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.*

Ħmistax ilu kien hawn l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ġewwa Ħal Luqa fejn ġie elett Kunsill ġdid. Dan il-Kunsill ġdid se jkompli jaħdem fuq dawk ix-xogħolijiet li kienu qed isiru qabel l-Elezzjoni u fl-istess ħin se jibda jaħdem fuq proġetti ġodda.

<u>Toroq</u>

Ix-xogħol li kien qed isir fuq iċ-ċentru ta' Ħal Luqa, issa huwa lest u jonqos li jkun imsebbaħ bi street furniture. Bħalissa għaddej xogħol fuq it-toroq li jiffurmaw parti mill-iskema tal-Public Private Partnership. Se jkun qed isir tibdil ta servizzi tal-ilma, tarmac u bankini sabiex ix-xogħol ikun komplut. Kif bħalissa qed isir ix-xogħol dan se jkun lest dalwaqt. Il-Kunsill Lokali għamel ukoll pressjoni mal-Awtoritajiet konċernati biex fi Triq Anton Falzon isir sistema ta water culverts biex itaffi mill-problema tal-għargħar.

Is-sena l-oħra kienu anki mwiegħda li kellhom jsiru tlett toroq għal ewwel darba min naħa tal-Gvern Ċentrali li huma Triq Patri Indri Schembri, Triq Sebastiano Saliba u Triq Ġużeppi Ellul. S' issa dawn it-toroq baqgħu ma sarux u għadha issir pressjoni fuq l-Awtoritajiet konċernati biex dawn isiru.

<u>Tenders</u>

Sabiex il-Kunsill ikun jist jagħti dejjem l-aħjar servizz fil-lokalita din is-sena se jkunu qed jinħarġu l-maġġoranza tat-tenders li kien għalqilhom iż-żmien. Ħafna minn dawn it-tenders għandhom x' jaqsmu mat-tindif u l-manutenzjoni ġewwa Ħal Luqa.

B' hekk il-Kunsill Lokali se jkun konformi u jkompli jtejjeb is-servizz ġewwa l-lokalita għall ġid tar-residenti.

<u>Uffiċċju Aministrattiv Ġdid</u>

Lejn tmiem is-sena 2011 inbeda ix-xogħol ta bini ta żewġ sulari fejn bħalissa hemm id-Daycentre. Fost dawn is-sulari hemm ippjanat l-Uffiċċju Aministrattiv ġdid tal-Kunsill Lokali. Il-bini li jinsab bħalissa fih l-Uffiċju preżenti għandu diversi limitazzjonijiet fosthom dawk relatatti mal-aċċessibilta.

Fl-Uffiċċju Aministrattiv ġdid se jkun hemm lift ġdid li se jkun jiswa madwar € 20,000. Dawn l-ispejjeż huma aparti it-€ 32,000 li se jkun jiswa l-bini stess li qed isir. B' sodisfazzjon nista ngħid li dan il-proġett tant mistenni tal-Kunsill issa wasal fi tmiemu f' dan l-istadju.

Permezz ta dan l-Uffiċċju l-Kunsill se jkompli jimpenja ruħu biex jżid il-kwalita tas-servizz. Nieħu wkoll dan il-mument biex nirringrazzja lil dawk ir-residenti li jattendu d-Daycentre għall koperazzjoni li wrew magħna waqt li kien għaddej il-proċess tal-bini.

Attivitajiet Soċjali u Kulturali

Kif anki kien hemm fis-snin passati l-Kunsill Lokali din is-sena se jkun qed jfakkar Jum Ħal Luqa, permezz t' attivitajiet kulturali kif ġraw fis-snin preċedenti. Din is-sena wkoll se jingħata Ġieħ Ħal Luqa lil dawk il-persuni li ħadmu ad unur tal-lokalita. Hemm ukoll il-ħsieb li titella forma ta wirja agrarja ġewwa l-lokalita li żgur se tiġbed lilkom ir-residenti.

Sigurta u Tisbiħ

Il-Kunsill Lokali applika għall fondi biex jkunu mogħtija sabiex tiżdied is-sigurta fil-bandli ta Misraħ iż-Żgħażagħ. L-applikazzjoni tikkonsisti biex isiru self locking gates u alterazzjoni u bdil tal-bandli preżenti skont standards moderni. Dan il-proġett se jkun qed jiswa lil Kunsill madwar € 7,000.

Proġett ieħor ta tisbiħ li jinsab viċin iċ-Ċentru huwa dak tal-Housing Estate ta Triq Giovanni Bonavia. Il-Kunsill Lokali issieħeb flimkien mal-Awtorita tad-Djar fi skema ta tisbiħ tal-Housing Estates tal-Gvern biex b' hekk jkun jista jagħmel refurbishment tal-parti esterna. Il-proġett f' dan il-Housing Estate kien jikkonsisti fi qlugħ tal-pavimentar tal-asphalt antik, bini mill-ġdid bil-concrete imprint u anki installazjoni mill-ġdid tas-sistema tal-ilma u tiswijiet fuq id-drenaġġ. Dan il-proġett ġie jiswa madwar € 48,000.

Huwa ippjanat li jkompli jsir tisbiħ u installazjoni ta street furniture fil-parti tal-pjazez tagħna sabiex iservi ta post ta mistrieħ għal kulħadd.

Proġetti Kapitali

Diġa sar diversi xogħol kif anki intom stess tistgħu tixhdu fuq it-toroq speċjalment dawk taċ-ċentru, għalkemm kif anki aċċernajt hawn fuq jonqos aktar toroq li għandhom isiru. Barra l-infrastruttura l-Kunsill Lokali ħares il-barra biex iġib aktar fondi sabiex jaħdem fuq proġetti ta tisbiħ, għalkemm mhux dejjem ikun hemm opportunitajiet tajbin.

Is-sħubija tal-Kunsill Lokali fil-GAL Xlokk sa mill-bidu bdiet tagħti frott u bi pjaċir nista ngħid li se jkun qed isir proġett ta' family park f' Ħal Farruġ. Dan il-park se jkun l-ewwel tax-xorta tiegħi f' dil-parti ta' Malta fejn f' żona mitluqa se tinbidel f' żona rikreattiva għal familja kollha. Huwa stmat li dan il-proġett se jkun jiswa bejn € 250,000 u € 270,000 u finanzjat minn fondi Ewropej.

Ġemellaġi

Matul is-sena l-oħra il-Kunsill kompla jibbenefika minn esperjenzi barranin bis-saħħa tal-ġemellaġ ma Fiumicino, permezz ta proġett dwar il-wirt kulturali.

Dan il-proġett li għadu għaddej anki bħalissa se jkun qed jagħti għarfien lill-Kunsill dwar il-qasam tal-wirt kulturali u kif dan jista jkun immaniġjat aħjar.

Għalkemm il-Kunsill se jkompli jibbenefika aktar minn dan il-ġemellaġ, xorta waħda se jipprova jidħol f' ġemellaġ ma lokalita oħra biex jiftaħ għal aktar opportunitajiet li minhom tistgħu tgawdu anki intom ir-residenti.

## Sena 2011

### Infrastruttura

Fost il-ħafna xogħol infrastrutturali li għamel il-Kunsill Lokali matul is-sena 2011 kien magħluq il-proġett tal-Pjazez Ċentrali, Triq Sant' Andrija, Triq San Pawl u Triq San Ġużepp. It-tarmac biss ġie jiswa aktar minn € 150,000. (Għalkemm kien hawn għajdut li l-materjal tat-tarmac ma kienx ta kwalita tajba, il-Kunsill ħa pariri professjonali li indikaw li kien xorta oħra u għalhekk għandhom jitneħħew xi flieles li tpoġġew fl-imħuħ għalxejn)

Barra it-tarmacc kien hemm ukoll il-parti pedonali li kienet tikkonsisti wkoll f' numru ta sqaqien li jmissu mat-toroq ċentrali. Ix-xogħolijiet li saru b' concrete imprint swew lill-Kunsill iktar minn € 90,000.

### Ħal Farruġ

Il-Kumitat Aministrattiv wkoll ħadem biex itejjeb l-infrastruttura taż-żona. Lejn tmiem is-sena 2011 saret Triq il-Vitorja li kienet triq ċentrali f' din iż-żona. Din it-triq saret minn fondi li ħarġu apposta għal Kumitati Aministrattivi ta' Malta u Għawdex u swiet € 19,000.

Il-membri tal-Kumitat Aministrattiv jiltaqgħu fil-laqgħat kull xahar sabiex jiddiskutu u jiddeċiedu fuq xogħolijiet li hemm bżonn isiru għaż-żona ta' Ħal Farruġ. Il-Kunsill Lokali wkoll joffri l-manpower tiegħu biex ilaħaq mal-ħtiġijiet taż-żona.

Kien ukoll fi tmiem is-sena l-oħra li l-Kunsill Lokali beda jikkomunika mal-Ministru Jason Azzopardi sabiex ikun hemm il-ftuħ fil-bidu ta Triq Wied in-Noqor u t-triq tiġi mwessgħa. L-Onor. Azzopardi iggiwdana biex ngħaddu dan il-każ lit-Transport Malta kif filfatt ġara. Bħalissa c-Chairman tat-Transport Malta għandu f' idu l-korrispondenza li għadillu l-Kunsill biex jmexxi t-talba tagħna.

### Trasport Pubbliku

Is-sena l-oħra kienet imneddija r-riforma fit-Trasport Pubbliku fiż-żmien tas-Sajf. Minn din ir-riforma kien hemm aspettattivi kbar speċjalment fuq servizz effiċjenti, imma r-realta wriet mod ieħor.

Il-Kunsill Lokali sa mill-ewwel ġurnata li twaqqfu r-rotot il-ġodda kellem lill-Awtoritajiet konċernati sabiex ikun hemm aktar frekwenza tar-rotot. Kien il-Kunsill ukoll li poġġa

pressjoni biex terġa tiġi introddota r-rotta diretta għal Mater Dei. Xhieda ta dan kollu huma l-ħafna emails li kienu mibgħuta anki fil-Ministeri u anki t-telefonati li saru lill-Awtoritajiet għolja tal-Ministeru konċernat. Dan kollu tistgħu tarawh b' għajnejkom.

Ix-xogħol li għamel il-Kunsill f' dan ir-rigward ħalla l-frott tiegħu għax ħafna mit-tibdil mitlub sar fir-realta, imma xorta waħda għadna nitolbu biex ikun hemm aktar effiċjenza u frekwenza fuq ir-rotta 72.

Ġemellaġi

Mill-ġemellaġ ma Fiumicino il- Kunsill Lokali qed jipparteċipa fi Proġett dwar il-wirt kulturali u ż-żgħażagħ. Kien unur għal Kunsill Lokali li is-sena l-oħra ospita hawn Malta żewġ delegazzjonijiet magħmula mill-Greċja u l-Italja.

Waqt din iż-żjara il-Kunsill ta opportunita biex żgħażagħ minn dawn il-pajjiżi japprezaw aktar il-wirt kulturali Malti u jaqsmu ġewwa pajjiżhom l-esperjenza tagħhom. Iż-żjara saret ġewwa it-tempji ta Ħaġar Qim u l-Mnajdra bħala siti ta wirt kulturali dinji u saret wkoll konferenza fl-iskola parteċipattiva.

Qasam Soċjali u Kulturali

Is-sena l-oħra sar għal ewwel darba ġewwa Ħal Luqa tieġ Malti tal-Imgħoddi bħala parti mill-attivitajiet relatatti ma' Jum Ħal Luqa. Din l-attivita intlaħqet b' suċċess, kif ukoll anki l-għana li kien hawn takkumpanja. Biex il-Kunsill seta jagħmel din l-attivita possibli din swiet il-fuq minn € 5,000.

Ħarġa oħra li reġgħet saret matul is-sena kienet dik ta Betlehem f' Għajnsielem li kellha konkorenza tajba ħafna. Din il-ħarġa kienet aparti żjajar kulturali oħra li saru fil-Palazz ta Sant' Anton u Għawdex. Il-Kunsill jieħu ħsieb li biex jagħti opportunita lir-residenti jieħdu sehem f' dawn iż-żjajar jissusidja l-prezzijiet tat-Trasport.
Iż-żgħar Luqin huma wkoll għall qalb il-Kunsill Lokali li għal sena oħra konsekuttiva reġa organizza Skola Sajf għal dawk it-tfal żgħar. Għal dawk li jkunu jridu l-uliedhom jattendu Skola Sajf, il-Kunsill jitlob prezz miżeru fejn skejjel oħra u fl-istess ħin joffri opportunita ta xogħol lil dawk is-Summer Workers biex ikollhom esperjenza ta xogħol differenti. L-ispejjeż jinkludu salarju lil-helpers li jgħinu waqt Skola Sajf kif ukoll il-materjal li jużaw it-tfal.

Wasalt għalhekk fi tmiem id-diskors tiegħi għal lejla fejn inkompli inħeġġiġkom biex iżuru l-Kunsill jekk intom tiltaqgħu ma diffikultajiet u tfittxuna. Dawk is-suġġerimenti li intom tgħaddu se jkunu evalwati mall-bqija tax-xogħol diġa ippjanat u jistgħu jkunu riflessi f' xogħol għal ġid tagħkom.

Grazzi

_____________________ _________________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv